MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 309/2010

**Appell Nru. 309/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin J. Farrugia)**
**Vs**
**Massimiliano Maurizio**

**Illum 17 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Dicembru, 2004 ghall-habta tal-3.50 a.m. gewwa Triq Dun Gejtanu Mannarino u f'inhawi ohra f'Malta :

1. bil-hsieb li jisraq vettura tal-marka Mercedez bin-numru tar-registrazzjoni ALX 190, u stereo/apparat tal-hi ghad-dannu ta' Karl Jude Bonett u terzi persuni ohra billi wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi

haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, liema serq huwa aggravat bil-valur ta’ izjed minn elf Lira Maltin, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.
2. volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fil-vettura tal-marka Mercedez bin-numru tar-registrazzjoni ALX 190 u dan ghad-dannu ta’ Karl Jude Bonett/u terzi persuni ohra liema hsara ma taccediex il-LM500 imma izjed minn LM50;
3. talli sar recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 41(1)(a), 261(c)(e)(f)(g), 267, 270, 279(b), 280, 281, 289, 325(a), 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 (tal-Kodici Kriminali) sabet l-appellant
(a) dwar l-ewwel imputazzjoni hati ta’ tentattiv ta’ serq stereo biss bil-gravanti tal-hin u tax-xorta tal-haga misruqa u mhux tal-mezz stante li l-Avukat Generali la semma l-artikolu 261(b) u lanqas l-artikolu 263 u lliberatu mill-gravanti tal-ammont waqt li lliberatu ukoll minn dik il-parti tal-imputazzjoni dwar it-tentattiv ta’ serq tal-vettura tal-marka Mercedez bin-numru tar-registrazzjoni ALX 190 u bil-gravanti kollha li ghandhom x’jaqsmu ma’ din il-parti tal-imputazzjoni, jigifieri bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
(b) sabitu hati tat-tieni imputazzjoni b’dan pero` li l-ammont ghandu jkun meqjus bhala €164.96 (LM70.80) izda li hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni skond gurisprudenza kostanti; u
(c) sabitu hati tat-tielet imputazzjoni jew tal-addebitu tar-recidiva.

Wara li qieset il-progress li ghamel l-appellant ikkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ ghaxar xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta’ Lulju, 2010 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi jigi dikjarat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet kontra tieghu u fi kwalunkwe kaz tirriforma

dwar il-piena billi taghti wahda iktar baxxa idoneju ghal kaz fis-sens li tigi imposta piena iktar ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox jigi osservat li l-appellant kien wera l-kredibilita` tieghu fil-kaz odjern u li l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox il-fatt li l-akkuza fil-konfront ta’ l-appellant kienet intiza biex jigi misjub hati ghall-haga li m’ghamilx liema haga giet osservata mill-Ewwel Qorti biex b’hekk l-intenzjonijiet tal-prosekuzzjoni giet esposta;
2. Illi di piu` din il-Qorti qed tigi mitluba tikkonsidra lfatt li l-appellant mhux biss ikkoopera mal-Awtoritajiet kompetenti imma minhabba problema umana l-istess appellant irnexxielu jeghleb darba ghal dejjem din is-sitwazzjoni liema haga dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidrha fid-dawl tas-sitwazzjoni tieghu;
3. Illi wiehed irid izid ukoll il-fatt li r-reat per se kien wiehed ta’ attentat u mhux reat komplut liema haga dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tehodha in konsiderazzjoni fid-dawl tal-kaz.
4. Illi hu pertinenti li jigi sollevat li l-imputat irnexxielu jirreintegra ruhu fis-socjeta` liema haga qed isservi billi tghinu fid-dinjita` tieghu u li jixtieq ikompli f’din it-triq, iktar u iktar meta ghandu familja xi mantni.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-6 ta’ Dicembru, 2004 is-sur Carl Jude Bonnet u Charles Bonnet kienu sabu lill-appellant fil-karozza taghhom AXL 190 Mercedes Benz. L-appellant ittiehed l-ghassa fejn ammetta ma l-investigatur illi ried risraq l-istereo. Ma setax jittiehed stqarrija bil-miktub minhabba li l-appellant beda jaghmel sinjali li hu ma jiflahx. Ammetta wkoll li kisser il-hgiega. Sussegwentement l-appellant inzamm fl-isptar Monte Carmeli. Irrizulta illi qabel l-intervent ta’ l-appellant, il-

karozza kienet imsakkra minn sidha. Bhala hsarat il-vettura soffriet girfa fuq il-mud guard, il-quarter window tan-naha ta' wara tal-passiggier imkissra bl-istima tat-tiswija madwar LM60 plus VAT (LM70.80).

L-appellant xehed illi dak iz-zmien huwa kellu problema tad-droga u dahal fil-karozza biex jipprova jisraq l-istereo. Dak inhar huwa kellu tornavit u mus zghir fuqu. Innega li ried iqatta l-wires tal-karozza u jqabbez l-ignition. Fuq din l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-appellant ried jisraq l-istereo tal-karozza u mhux il-karozza nnifisha u ghalhekk l-ewwel Qorti sabitu hati ta' tentattiv ta' serq ta' stereo biss minghar il-gravanti ta' l-ammont peress illi ma rrizultax kemm kien jiswa l-istereo. Pero' l-ewwel Qorti sabitu hati tal-gravanti tal-hin u tax-xorti tal-haga misruqha. L-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati wkoll tat-tieni mputazzjoni ta' hsara volontarja pero' ddakjerat illi din l-imputazzjoni tinsab assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta' l-Artiklu 17 (h) tal-Kap 9.

B'Sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju, 2010 (fol 92) sabitu hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu nkluz dik tar-recediva u wara li qieset il-progress illi ghamel l-appellant ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' ghaxar xhur.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell u l-agravju principali tieghu kien li l-ewwel Qorti messha tat aktar piz ghal fatt illi l-appellant ikkopera mal-pulizija, gie misjub hati tar-reat komplut izda mhux ta' l-attentat u fl-ahhar illi l-piena nflitta kienet severja wisq meta jigi kkunsidrat illi llum l-appellant rnexxielu jirrientigra ruhu fis-socjeta li qed iservi b'dinjita u ghalhekk kien jimmerita aktar konsiderazzjoni minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat.

L-ewwel nett jinghad illi l-appellant ma giex misjub hati ta' l-attentat ta' serq tal-vettura izda ta' l-istereo biss, gravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa. L-ewwel Qorti ma setghetx taghti piena fil-minimum peress illi l-appellant huwa recidiv u ghalhekk il-piena f'dawn ic-cirkostanzi tidhol fil-parametri tal-Ligi. Tajjeb illi l-appellant illum wera

progress u qed jirrintegra ruhu fis-socjeta pero’ ghall-izbalji li lahaq ghamel fil-passat dana jrid iwiegeb u l-ewwel Qorti kkunsidrat kollox inkluz il-progress ta’ l-appellant meta dehrilha illi kellha timponi piena effettiva ta’ ghaxar xhur. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet liberament u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------